MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Numru 775/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Magdi Ayad Bin Elkayal**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Magdi Ayad Bin Elkayal ta’ 26 sena iben Ayad W Aisha nee Elkayal imwieled Tripoli fil-5 ta’ Jannar 1978 residenti Ed-Drebi Tripoli u bin-numru tal-passaport 509222 gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-17 ta’ Settembru 2004 u fil-jiem ta’ qabel, b’diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a) assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika medicina (raza tal-cannabis) f'dawn il-Gzejjer kontra id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni;

b) importa jew gieb f'Malta raza mehuda mill-pjanta tal-*Cannabis* bi ksur ta' l-artikolu 7 tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) biegh jew xort'ohra traffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

d) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, bi ksur tal-artiklu 8(a), tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, *liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;*

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat 19 ta' Settembru 2004 ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esebit a fol 4 tal-atti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali datata 17 ta' Awissu 2005 li tinsab a fol 101 tal-Process.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tal-24 ta' Awissu, 2005 ghal kull buon fini l-imputat tramite l-interpretu iddikjara li hu m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tal-10 ta’ Ottubru, 2005 l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi fis-Seduta tal-5 ta’ Awissu, 2005, quddiem il-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona fil-mori tal-kawza ‘Pulizija vs Murad Erhuma’ l-imputat odjern assistit minn Dr Leon Bencini kien xehed fl-atti tal-istess kawza u ghalhekk il-Prosekuzzjoni qeghda f’posizzjoni li tiddikjara li taqbel li l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 huwa applikabbli ghal dan il-kaz.

Innutat ukoll li fl-istess Seduta tal-10 ta’ Ottubru, 2005 l-imputat, tramite l-interpretu, iddikjara li qed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u dan inkondizzjonatament.

Il-Qorti, tramite l-interpretu, wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li, tramite l-interpretu, gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, tramite l-interpretu, rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u dan inkondizzjonatament.

Innutat ukoll li fis-Seduta tad-9 ta’ Jannar 2006 l-imputat, fil-presenza tal-interpretu li kien ukoll l-avukat difensur tieghu iddikjara li qed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti, tramite l-interpretu, wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li, tramite l-interpretu, gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, tramite l-interpretu, rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fl-istess Seduta tad-9 ta’ Jannar, 2006 l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma li fil-konfront tal-imputat japplika l-Artikolu 29 tal-Kap 101 u ikkonferma ukoll illi fis-Seduta tal-5 ta’ Awissu, 2005, quddiem il-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona fil-mori tal-kawza ‘Pulizija vs Murad

Erhuma’ l-imputat odjern assistit minn Dr Leon Bencini kien xehed fl-atti tal-istess kawza.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tat-13 ta’ Frar, 2006 Dr Leon Bencini ghall-imputat iddikjara li d-Difiza m’ghandhiex provi dwar il-piena.

Semghet trattazzjoni mill-partijiet dwar il-piena.

Innutat li b’Nota (pjuttost Rikors) tal-Kummissarju tal-Pulizija presentata fl-20 ta’ Frar, 2006 gie espost illi “fid-deposizzjoni moghtija mill-ispettur Dennis Theuma fis-seduta tat-28 ta’ Settembru 2004 l-istess spettur Theuma kien esebixxa formalment bhala dok TPD 4 pakkett mgezwer f’tape kannella allegatament kontenenti 3 blokok raza tal-pjanat cannabis.

Illi dan il-pakkett gie materjalment esebit fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Murad GM Erhuma li tinsab ghas-smiegh quddiem il-Qorti tal-Magistrati Malta preseduta mill-Magistrat Dr A Micallef Trigona LLD.

Illi l-kawza li fiha qed jigi intavolat dan ir-rikors tinsab mhollija ghas-sentenza ghall 24 ta’ Frar 2006 w ghaldaqstant l-esponent jiddikjara li stante li l-pakkett li ghalih qeghda issir riferenza specifika f’din in-nota hu esebit formalment f’din l-istess kawza bhala Dok TPD 4, l-istess pakkett huwa mehtieg fil-kawza l-ohra riferuta f’dan ir-rikors, ghaldaqstant umilment jitlob lill din il-Qorti biex fis-sentenza taghha ma tordnax il-konfiska w id-distruzzjoni ta’ l-istess Dok TPD 4.”

Rat l-artikoli 22 (1)(f), 7, 8(a) u 8(b), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kap 101 u l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Issib lill-imputat Magdi Ayad Bin Elkayal, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-applikazzjoni f’dan il-kaz ta’ dak previst fl-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imsemmi imputat Magdi Ayad Bin Elkayal ghal piena komplessiva ta’ seba’ (7) snin prigunerija u tlett elef u sitt mitt Liri Maltin (Lm3,600) multa.

Inoltre il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Magdi Ayad Bin Elkayal sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati l-ammont ta’ tmienja u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm28.25c) bhala spejjes inkorsi ghan-nomina ta’ PS 964 Robert Scicluna nominat mill-Magistrat Inkwerenti Dr Anthony Vella fl-Inkjesta dwar sejba ta’ ammont sostanzjali ta’ rezina tal-pjanta kannabis fuq il-persuna ta’ Magdi Ayad Bin Elkayal bin-numru tal-passaport 509222 fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta fis-17 ta’ Settembru 2004.

Inoltre tenut kont tan-Nota (pjuttost Rikors) tal-Kummissarju tal-Pulizija presentata fl-20 ta’ Frar, 2006 u riferita aktar qabel f’din is-Sentenza il-Qorti tastjeni milli tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tal-pakkett irreppjat go tape b’lewn kannella allegatament fih tliet (3) blokok ta’ raza tal-Cannabis esebit formalment bhala dokument TPD 4.

Finalment il-Qorti tordna li ghandu jitnaqqas mill-piena karcerarja kull zmien li l-imputat ghadda taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------